Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,700, 3 ta' Novembru, 1998
Taqsima B

A.L. 239 ta' l-1998

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI), (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil f'Lm5,000,000 6.15% *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001 (Il-Ħames Ħruġ - It-Tieni Parti) minn Lm5,000,000 5.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1998 (Ir-Raba' Ħruġ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li Lm5,000,000 5.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1998 (IV) li għandu jitħallas lura fid-19 ta' Novembru, 1998, jista' jinbidel fi *Stock* tal-Gvern ta' Malta li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-msemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-Bdil ta' Lm5,000,000 5.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1998 (IV) għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001 (V - It-Tieni Parti) bis-6.15% kif ġej:–

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-Lm100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* għal min diġà għandu 5.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1998 (IV) jagħlqu f'nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru, 1998.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

2. (a) Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u jsir negozjar tiegħu fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat.

(b) Fid-19 ta' Mejju, 1999 wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax dan l-i*Stock* u 6.15% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2001 (V) ikunu magħqudin flimkien u jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

3. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm5,000,000.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament.

4. Mid-data ta' l-għeluq, il-bilanċ li jkun jinsab fil-kreditu tal-Fond ta' l-Ammortizzament ta' 5.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1998 (IV) jiġi trasferit għall-Fond ta' Ammortizzament 6.15% *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001 (V - It-Tieni Parti) sabiex jinfeda l-i*Stock*. Barra minn dan, approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm50,000 mid-Dħul Ġenerali u mill-Attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni fl-istess Fond ta' Ammortizzament. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir matul l-aħħar sitt xhur tas-sena 1999.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm3.075 għal kull Lm100 *Stock* għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fid-19 ta' Mejju u fid-19 ta' Novembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu mill-20 ta' Novembru, 1998 sad-19 ta' Mejju, 1999 għandu jsir fid-19 ta' Mejju, 1999.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* jinfeda b'parità fid-19 ta' Novembru, 2001.